MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 196/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fil-Knisja tal-Herba Birkirkara fis-6 ta’ Lulju 2003 skont l-anness certifikat 1161/2003 u dan kif jirrizulta wkoll mis-separazzjoni taghhom u minn dan iz-zwieg tfal ma hemmx;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto u legalment ghal aktar minn erba’ snin, kif jirrizulta mis-sentenza ta’ din il-Qorti 3/13 AL moghtija fis-7 ta’ Mejju 2013;

Ili m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u jghixu f’pajjizi differenti;

Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut f’dan l-istadju stante li l-mara hadet in-nofs tad-dar konjugali f’Malta ghas-saldu tal-jeddijiet taghha kollha. Pero’ l-attrici ghadha marbuta ma kumpanija ta’ assigurazzjoni li thallas life insurance tieghu, liema obbligu trid tinheles minnu;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta’ divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u tehles lill-attrici minn kull obbligu li thallas life insurance policies fuq il-hajja tal-istess intimat;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bix-xoljiment taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Mejju, 2014;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta’ Mejju, 2013, izda ilhom de facto separate ghal aktar minn erba’ snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------